# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

# IMHALLEF

# ONOR. VINCENT DEGAETANO LL.D.

**Seduta Nru LIV**
**Illum, il-Hamis, 31 ta' Mejju 2000**

**Appell Nru 129/00**

**Il-Pulizija**
**(Spettur France Micallef)**

**v.**

**Ronald Bruno**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Ronald Bruno talli f'Binkies Mini Market, f'St. Albert Street, Gzira, bejn id-29 ta' Novembru, 1989 u t-13 ta' April, 1994, (**1**) b'diversi azzjonijiet maghmula fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li kienu maghmula b'risoluzzjni wahda, bhala sid il-post jew bhala l-persuna li kellu f'idu l-fond Binkies Mini Market, St Albert Street, Gzira, b'mezzi qarrieqa ikkommetta serq ta' kurrent elettriku minn meter tad-dawl li kien jinsab fil-fond imsemmi, liema serq jammonta ghal Lm157.55,0 a dannu tal-EneMalta, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz; u talli (**2**) fl-istess cirkostanzi volontarjament hassar jew ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew imobbli, u dan billi kisser jew ghamel hsara fl-apparat imsemmi a dannu tal-Korporazzjoni EneMalta, liema hsara tammonta ghall-sitt liri (Lm6);

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-10 ta' Mejju, 2000 li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-imsemmi Ronald Bruno hati skond l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu, ikkundanntu ghall-piena ta' sitt xhur prigunerija sospiza ghal sena skond l-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali, ordnatlu sabiex fi zmien sitt xhur ihallas lill-Korporazzjoni EneMalta is-somma ta' Lm163.55 (u dan skond l-Artikolu 28H tal-imsemmi Kodici), u ordnatlu jhallas lir-Registratur l-ispejjez kollha in konnessjoni mall-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri *de quo*;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Ronald Bruno, minnu ppresentat fid-19 Mejju, 2000, li permezz tieghu talab ir-revoka ta' l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; rat id-digriet taghha tad-19 ta' Novembru, 2000 li permezz tieghu ordnat li jigu kancellati mir-rikors ta' appell certi kliem oggezzjonabbli kif ukoll wissiet lill-avukat firmatarju tar-rikors sabiex joqghod attent fil-kliem li jigu wzati fl-iskritturi li jingiebu quddiem din il-Qorti; semghet lid-difensuri tal-partijiet; ikkunsidrat:

Il-fatti brevement kienu s-segwenti: fit-22 ta' Gunju, 1995, waqt li impjegati tal-Korporazzjoni EneMalta kienu qed jispezzjonaw il-*meter* tal-elettriku stallat fil-hanut imsemmi fl-imputazzjoni, innutaw illi kien hemm toqba zghira fil-hgiega ta' l-istess meter. Giet imsejjha l-pulizija, li minn naha taghha infurmat lill-Magistrat ta' l-Ghassa u saret inkjesta dwar l-*in genere*. Fil-kors ta' din l-inkjesta rrisulta li fuq il-faccata tal-*cover* ta' dan il-*meter* kien hemm toqba irqieqa ezattament fic-centru tal-*mould mark*. Bid-dritt ma' din it-toqba it-*tally plate* kien migruf. Kollox, ghalhekk, kien jindika li mit-toqba irqieqa li kien hemm fic-centru tal-*mould mark* fuq il-faccata tal-*cover* kien jiddeffes xi oggett irqieq u bil-ponta li kien jimpedixxi lid-*disk* tal-*meter* milli ddur, biex b'hekk ma jigix registrat il-konsum kollu ta' l-elettriku li jkun qed jintuza f'dak il-post. Gie stabbilit ukoll li l-hanut in kwistjoni kien ilu gestit mill-ahwa Emanuel u Carmen Mifsud minn April ta' l-1994, u li qabel din id-data il-hanut kien f'idejn Ronald Bruno (l-appellant odjern). Skond il-perit tekniku (Philip Zammit) nominat ghall-finijiet ta' l-*in genere*, fil-periodu ta' sena li dan il-hanut kien ilu gestit mill-ahwa Mifsud il-konsum ta' l-elettriku registrat kien wiehed ragonevoli meta mqabbel mal-*load* tal-apparat ta' l-elettriku li kien hemm stallat fl-istess hanut fiz-zmien li fih huwa zamm l-access. Kien ghalhekk li l-pulizija pprocediet mhux kontra l-ahwa Mifsud (jew wiehed minnhom) izda kontra minn kien jiggestixxi l-hanut qabel ma dan ghadda ghand l-ahwa Mifsud.

L-aggravju ta' l-appellant huwa, bazikament, li ma kienx hemm provi li a bazi taghhom l-ewwel qorti setghet ragonevolment issibu hati ta' serq ta' kurrent elettriku u ta' hsara fil-*meter*. Effettivament jidher li l-ewwel qorti sabet lill-appellant hati taz-zewg imputazzjonijiet unikament fuq id-deposizzjoni ta' Silvio Decelis, ufficjal amministrattiv mal-Korporazzjoni EneMalta. Dana Decelis ha r-*record of consumption* ghall-periodu minn wara d-29 ta' Novembru, 1989 sat-13 ta' April, 1994 u kkonkluda li bhala media dan il-konsum kien wiehed baxx. Pero`, biex wasal ghal din il-konkluzzjoni (konkluzzjoni li in segwitu giet accettata wkoll mill-ewwel qorti) l-imsemmi xhud kellu necessarjament jassumi li l-*load* ta' l-apparat elettriku ghall-periodu inkriminat kien l-istess jew kwazi l-istess ghal dak taz-zmien meta l-fond kien gestit mill-ahwa Mifsud. In fatti fid-deposizzjoni tieghu tal-10 ta' Gunju, 1998 (fol. 24 sa 29) dana Silvio Decelis jammetti, ghalkemm indirettament, li ma kellux mod kif ikun jaf x'kien il-*load* tal-apparat elettriku bejn Novembru 1989 u April 1994; hu semplicement assuma li jekk fond kummercjali ikollu *load* partikolari f'xi zmien (qabel Novembru, 1998) ir-registrazzjoni tal-konsum ma kellhiex wara tonqos bil-mod kif effettivament naqset. Din il-Qorti, pero`, tosserva li hawn si tratta ta' periodu ta' aktar minn erba' snin – minn wara Novembru 1989 sat-13 ta' April, 1994. Fil-fehma ta' din il-

Qorti, biex issir il-prova, sal-grad li trid il-ligi fil-kamp penali, a bazi tar-*record of consumption* li kien hemm (mhux semplicement li probabbli li kien hemm) serq ta' kurrent elettriku fil-periodu inkriminat, kellha tingieb prova tal-*load* ta' l-apparat elettriku f'dak il-periodu. Jidher li l-pulizija ma ghamlux l-icken sforz ta' investigazzjoni f'dana r-rigward. Lill-ahwa Mifsud ma staqsewhomx x'apparat elettriku u x'dawl kien hemm fil-fond qabel ma huma hadu l-hanut f'idejhom; l-appellant ma giex interrogat mill-pulizija bil-hsieb li jigi stabbilit dana l-punt; u meta l-appellant xehed quddiem il-Qorti Inferjuri ma sarx l-icken tentattiv sabiex in kontro-ezami jigi b'xi mod stabbilit x'apparat elettriku u/jew x'sistema ta' dawl kellu fil-periodu inkriminat fil-fond in kwistjoni. Huwa veru li s-subartikolu (2) ta' l-Artikolu 264 tal-Kodici Kriminali johloq presunzjoni li tisposta l-oneru tal-prova ta' fatt partikolari – cioe` il-fatt jekk l-akkuzat kienx jaf bl-uzu jew konsum illegali ta' ilma, gass jew kurrent elettriku – fuq l-istess akkuzat. Jekk l-akkuzat ikun jaf, jew hu presunt li kien jaf, b'dak il-konsum illegali allura r-reat ta' serq ikun imputabbli lilu. Pero` hija dejjem il-prosekuzzjoni li trid tipprova li fil-fatt kien hemm uzu jew konsum illegali, cioe` serq, tal-ilma, gass jew elettriku. In fatti jista' jkollok sitwazzjoni fejn ikun hemm il-ksur jew mezzi qarrieqa imsemmija fl-Artikolu 264(2) minghajr ma effettivament ikollok serq ta' ilma, gass jew elettriku. Fil-kaz in dizamina ma jistax jinghad li kien hemm prova sodisfacenti, cioe` sal-grad li trid il-ligi fil-kamp penali, ta' tali serq fil-periodu inkriminat.

Kwantu ghat-tieni imputazzjoni, cioe` dik ta' hsara involontarja, l-ewwel qorti jidher li assumiet li galadarba kienet qed issib lill-appellant, allura imputat, hati skond l-ewwel imputazzjoni (cioe` dik ta' serq ta' kurrent elettriku), allura setghet necessarjament issibu hati skond it-tieni imputazzjoni. Dan ma hux legalment korrett. Fil-kaz tar-reat ipotizzat fit-tieni imputazzjoni, il-ligi ma tohloq ebda presunzjoni. Infatti jista' jkollok kaz fejn min jaghmel il-hsara, per ezempju, fil-*meter* ta' l-elettriku tkun persuna, filwaqt li min juzufruwixxi minn dik il-hsara u jisraq il-kurrent elettriku tkun persuna ohra. F'dan il-kaz ma kien hemm ebda prova li l-hsara ta' sitt liri fil-*meter* saret mill-appellant.

Ghall-motivi premessi, tilqa' l-appell, thassar u tirrevoka s-sentenza appellata, u tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni, htija w piena.

(ft) Aldo Testone
Deputat Registratur